**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 7 ta' Mejju, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**-vs-**

**Isabella Cassar Agius detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru 70574M**

***Kumpilazzjoni Numru : 121/2019***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Isabella Cassar Agius u ċioe` talli:

F'dawn il-gżejjer f'Diċembru, 2015, u fil-jiem u l-ġimgħat li jiġu immedjatament qabel u wara, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1) Kkonvertiet jew trasferiet propjeta' meta kienet taf jew issuspettat li dik il-propjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-propjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attivita' kriminali;

2) Kienet involuta fil-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta' meta

kienet taf jew issuspettat li dik il-propjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti tal-parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

3) Talli akkwistat, ħadet pussess jew użat propjeta' meta kienet taf jew issuspetat li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti tal-parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

4) Talli żammet mingħajr skuża raġonevoli, propjeta' meta kienet taf jew issuspetat li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti tal-parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

5) Kif ukoll tat-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-Artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

6) Kif ukoll tal-aġir bħala kompliċi fit-tifsir tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

   U dan jikkonsisti f'att ta' money laundering.

7) Kif ukoll talli rrendiet ruħha kompliċi ta' frodi, billi b'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ b'qerq ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-dannu ta' Anthony Busuttil;

8) Kif ukoll talli bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlet xi qliegħ b'qerq ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000);

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjoni tal-Artikolu 5 tal-Att ta' Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2021 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hi hatja ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w hi nghatat zmien xieraq sabiex jekk xtaqet setghet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettitiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata taghha, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi l-imputazzjonijiet numru seba' (7) w tmienja (8) huma imputazzjonijiet alternattivi, bil-fatti specie ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom fir-reat ta' truffa kif ravvizat bl-imputazzjoni numru seba (7). Ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni numru tmienja (8).

Gie kkunsidrat ukoll li r-reat ta' riciklagg serva bhala mezz ai fini ghall-imputazzjoni ta' truffa. Issa l-artikolu 17(*h*) tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> **17.** Fil-konkors ta' reati u ta' pieni, igħoddu d-dispożizzjonijiet li ġejjin:
>
> (h) meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena, il-Qorti qiset li ghalkemm l-ammissjoni certament ma saritx fi stadju bikri, kien hemm okkazzjonijiet fejn l-imputata kienet propensa li tirregistra ammissjoni. Ma jistax ma jinghadx ukoll kif tul l-andament ta' dawn il-proceduri deher bic-cjar kif l-imputata kienet mahkuma mill-influwenza pezanti ta' persuna terza. Fil-fehma tal-Qorti l-ghemil tal-imputata gie ghal kollox xprunat minn din il-persuna li fl-imputata

sabet l-ghodda mehtiega biex jigi attwat pjan malinn. L-imputata agixxiet minn rajha w b'mod konsapevoli w volontarju, izda fid-dell ta' persuna ohra li heggietha w imbuttatha fl-ghemil kriminuz li qed tirrispondi ghalih f'dawn l-atti. Fl-ahhar net ittiehed kont tal-fedina penali netta tal-imputata, tan-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tar-rikavat u tal-ammont ta' flejjes riciklati.

Galadarba ghar-reat ta' riciklagg tista' tinghata piena ta' multa biss, il-Qorti tqis li r-reat l-aktar gravi hu dak ta' truffa kif ravvizat bl-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali moqrija flimkien, fejn il-piena minima hi dik ta' sentejn prigunerija kuntrarjament ghal dak ta' riciklagg fejn il-piena minima hi dik ta' multa ta' €20,000 jew prigunerija ta' tnax il-xahar.

Ghalhekk ghalkemm qed tinstab htija anke ghar-reat ta' riciklagg (imputazzjonijiet 1 sa 6) il-Qorti hi prekluza milli tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 3(5) tal- Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta tenut kont li l-konfiska mhix piena per se izda konsegwenza tal-piena. Kif intqal il-piena l-aktar gravi mhix dik taht il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda dik taht il-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni numru tmienja (8), wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 42(d), 308 u 310(1)(a) tal- Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputata hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha w tikkundanaha ghall-sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin millum.

Finalment wara li rat l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed taghti direttiva lill-hatja sabiex fi zmien xahrejn millum thallas lill-Anthony Busuttil l-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) bhala restituzzjoni tal-flejjes akkwsitati b'qerq.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk tonqos li tikkonforma ruħha ma' dik id-direttiva.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**